# PENSJONIJIET

## ADEKWATI **U** SOSTENIBBLI



*WHITE PAPER* - NOVEMBRU 2004








"Iċ-Ċittadini tagħna, u partikolarment il-ġenerazzjonijiet futuri, ma jistħoqqilhom xejn anqas minn dan"



# Kelmtejn ta' qabel

Fl-1 ta' Ġunju 2004, il-Gvern qabbad lill-*Unit* ta' Appoġġ għall-Kumitati tal-Kabinett sabiex jippresjedi fuq Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet li ġie ffurmat sabiex jirrevedi x-xogħol imwettaq li kien sar sa dakinhar fuq il-pensjonijiet u jissottometti rakkomandazzjonijiet dwar it-triq li għandna naqbdu. Dan il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet ippreżenta r-rapport tiegħu lill-Gvern fil-5 ta' Novembru 2004.

F'isem il-Gvern, għandi pjaċir nippreżenta dan ir-Rapport bħala *White Paper* għad-diskussjoni u l- konsultazzjoni nazzjonali. Dan ir-rapport jippreżenta l-isfidi li pajjiżna mistenni li jiffaċċja biex jiżgura sistema ta' pensjonijiet adegwati u sostenibbli - kif ukoll it-triq li għandha tittieħed biex tinkiseb din l-adegwatezza u sostenibbilità.

Il-problema dwar s-sostenibbilità u l-adegwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet tagħna hi waħda vera u reali. Iċ-ċaqlieq drammatiku mistenni fl-istruttura demografika tan-nazzjon tagħna waħdu jitlob, bħal ma ġara f'ħafna nazzjonijiet oħra, li nagħtu ħarsa lejn is-sistema tagħna tal-pensjonijiet **illum** stess.

Interessi politiċi immedjati, forsi, jħajruna naħarbu mill-problema għal kollox. Mingħajr ebda dubju, kif urew id-diskussjonijiet fil-Kummissjoni Nazzjonali dwar ir-Riforma tal-Welfare u fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, ir-riforma tal-pensjonijiet u s-soluzzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati jiġġeneraw dibattiti appassjonati u mqanqla. Minn dejjem kienet ix-xewqa tal-Gvern li jintlaħaq ftehim b'kunsens ma' l-Imsieħba Soċjali kemm fil-Kunsill kif ukoll fil-Kummissjoni Nazzjonali. Il-fatt li dan ma kienx possibbli jixħet dawl, b'mod l-aktar ċar, fuq il-komplessità tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu valutati u d- deċiżjoni li trid tittieħed dwarhom; it-tentazzjoni li tiġi evitata kull bidla hija attraenti.

Madanakollu, pożizzjoni li żżomm l-i*status quo* hija soċjalment irresponsabbli. Il-Gvern mhux ser jaħrab mir-**responsabbiltajiet soċjali tiegħu**; ix-xogħol tagħna mhuwiex biss li niggvernaw fuq il-preżent iżda ukoll li niżguraw li l-futur li nħallu għall-ġenerazzjonijiet futuri jkun aħjar minn dak li ngawdu aħna illum.

Ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati f'din il-*White Paper*, kemm bħala dikjarazzjonijiet ta' prinċipju kif ukoll bħala rakkomandazzjonijiet speċifiċi, kif ikun il-każ, huma ggwidati minn valuri li jimmiraw li jassiguraw **adekwatezza** – jiġifieri l-protezzjoni kontra l-esklużjoni soċjali u garanzija ta' livell ta' għixien diċenti meta wieħed jirtira - ma' **sostenibbilità** – jiġifieri li jiġi aċċertat l-issoktar finanzjarju tal-wegħda soċjali biex jiġi żgurat l-għoti ta' pensjonijiet adegwati.

Il-Gvern tiegħi jirrikonoxxi li waqt li l-proċess tar-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet għandu jkun ħolistiku, l-implimentazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu adottati wara l-proċess ta' konsultazzjoni u diskussjoni għandha tkun inkrimentali biex jiġi żgurat li jkun hemm transizzjoni mingħajr taqlib mis-sistema preżenti għas-sistema ta' pensjonijiet ġdida.

Ir-rakkomandazzjonijiet li qed isiru għal sistema ġdida tal-pensjonijiet mhumiex immutabbli. Id-deċiżjonijiet jittieħdu biss wara li ssir valutazzjoni tal-kummenti li joħorġu mill-proċess ta' konsultazzjoni nazzjonali u diskussjoni li din il-*White Paper* timmira li tiġġenera mas-setturi kollha tas-soċjetà tagħna. Nixtieq**u** li jkun hemm diskussjoni miftuħa dwar ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet sabiex inkunu nistgħu nfasslu l-aktar sistema xierqa tal-pensjonijiet għal Malta.

l-ċittadini tagħna, u partikolarment il-ġenerazzjonijiet futuri, ma jistħoqqilhom xejn anqas minn dan.



Lawrence Gonzi
Prim Ministru

# Il-Proċess ta' Konsultazzjoni Nazzjonali u Diskussjoni

Minħabba l-importanza ta' sistema ta' pensjonijiet adegwata u sostenibbli, kemm rigward is-sisien Soċjali tan-Nazzjon kif ukoll rigward il-ġid ekonomiku tiegħu, il-Gvern jixtieq jisma' l-fehmiet ta' individwi, Imsieħba Soċjali u partijiet interessati oħra.

Fil-preżentazzjoni ta' dawn il-fehmiet ikun ta' għajnuna jekk l-individwi, l-imsieħba Soċjali u l-partijiet interessati:

(i) Jidentifikaw l-oqsma fejn jidhrilhom li l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet seta' ma tax każ ta' informazzjoni u kwistjonijiet rilevanti;

(ii) Juru fejn jaqblu mad-dikjarazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet magħmula; u

(iii) Jissottomettu proposti kif ikun xieraq.

Biex il-proċess ta' konsultazzjoni u diskussjoni jkun komprensiv il-Gvern jixtieq li jirċievi dawn il-fehmiet bil-miktub sa l-aħħar ta' **Marzu 2005**.

Ir-risposti bil-miktub għandhom jitbagħtu lil:

Iċ-*Chairperson*
Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet
*Unit* ta' Appoġġ għall-Kumitati tal-Kabinett
Uffiċju tal-Prim Ministru
Auberge de Castille
Valletta

jew

l-indirizz elettroniku: **pensions@gov.mt**

jew

is-sit tal-web **www.pensions.gov.mt**

Wara l-proċess ta' konsultazzjoni u diskussjoni tiġi pubblikata analiżi tar-risposti bil-miktub.
Kopji elettroniċi tal-*White Paper* flimkien ma' l-appendiċijiet jistgħu jitniżżlu mill-sit tal-web: **www.pensions.gov.mt**

# Sommarju Eżekuttiv

Jekk ma ssirx riforma fis-sistema tal-pensjonijiet f'Malta, din is-sistema ser ikollha sfida biex tipprovdi benefiċċji ta' pensjoni adegwati għal ġenerazzjonijiet futuri b'mod sostenibbli. Studju ta' l-istruttura demografika tal-Gżejjer Maltin juri li sa l-2050 il-popolazzjoni ser tonqos, in-numru ta' persuni li jkollhom 60 sena jew aktar ser jiżdied b'mod esponenzali, meta paragunat ma' gruppi ta' etajiet oħra, u l-għomor tal-ħajja ta' l-istess grupp għandu wkoll jiżdied. Min-naħa l-oħra t-twelid ta' trabi ilu jonqos b'mod stabbli minn wara l-gwerra.

Is-sistema preżenti tal-pensjonijiet Ħallas Waqt Li Tkun Għaddej (Pay As You Go) hu marbut direttament ma' l-istruttura demografika ta' nazzjon. Is-sistema tal-pensjonijiet Ħallas Waqt Li Tkun Għaddej (Pay As You Go) hija msejsa fuq il-prinċipju li l-ħaddiema tal-lum iħallsu għall-pensjonanti tal-lum, b'mod partikolari fil-każ ta' Malta fejn għad trid timmatura il-pensjoni taż-Żewġ Terzi li kienet introdotta fl-1979, u fejn il-ħaddiema ta' għada jħallsu għall-pensjonijiet tal-ħaddiema tal-lum. Il-matematika tas-sistema tal-pensjonijiet Ħallas Waqt Li Tkun Għaddej (Pay As You Go), kif ġie nnotat bi tħassib dejjem akbar barra minn Malta, tisfaxxa meta jkun ċar li l-element prinċipali fil-kalkolu, jiġifieri l-ammont ta' nies jaħdmu, ma jkunx kif ikun meħtieġ.

L-isfida hija aggravata bil-perċezzjoni li teżisti f'Malta li l-għoti ta' pensjoni huwa unikament r-responsabbiltà ta' l-Istat. Din il-perċezzjoni waslet għall-imġieba li tqis il-ħlasijiet tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali individwali bħala biżżejjed biex tingħata pensjoni adegwata fil-futur. B'mod ġenerali l-kunċett ta' 'għin lilek innifsek' billi wieħed iġemma għal meta jirtira ma kibirx f'Malta.

Waqt it-tħejjija ta' dan ir-rapport, ġew riveduti l-istudji mħejjija minn Gvernijiet suċċessivi: ir-Rapport Camilleri (Diċembru 1997), ir-Rapport Watson Wyatt (Awissu 1998), ir-Rapporti tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar ir-Riforma tal-Welfare - Galdes (Ġunju 2001) u Schembri (Ottubru 2003), u r-Rapport tal-Bank Dinji (Marzu 2004). Dawn huma kollha konsistenti fil-konklużjonijiet tagħhom: is-sistema tal-pensjonijiet preżenti mhiex sostenibbli, il-benefiċċji mhumiex ser ikunu adegwati u l-prinċipju ta' 'għin lilek innifsek' għandu jiddaħħal sabiex iġiegħel il-poplu jġemma' biex jiżgura livell ta' għixien diċenti meta wieħed jirtira.

Deċiżjoni meħuda illum li wieħed ma jirriformax is-sistema tal-pensjonijiet biex jissalvagwardja livell ta' għixien deċenti għal pensjonanti tal-futur tfisser biss posponiment tad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu. Aktar ma jdum il-posponiment aktar jonqsu l-għażliet politiċi, aktar ikun iebes l-impatt tad-deċiżjonijiet li jittieħdu, u mingħajr dubju, benefiċċju anqas adegwat.

Barra minn dan, is-sostenibbilità finanzjarja tas-sistema tal-pensjonijiet titħassar u b'hekk taffettwa kemm persuni li jkunu ghadhom kif saru pensjonanti, kif ukoll ġenerazzjonijiet futuri peress li l-proporzjon ta' rimpjazzament demografiku ma jkunx jippermetti li jkun hemm ġbir suffiċjenti ta' kontribuzzjonijiet li jagħmel tajjeb għall-benefiċċji mwiegħda lill-individwi taħt is-sistema preżenti tal-pensjonijiet.

Politika ta' l-ebda riforma mhijiex, għalhekk, għażla li tista' tiġi kkonsidrata b'serjetà. Jekk hu possibbli għandha tiġi evitata ukoll politika ta' bidliet radikali. Minkejja l-isfidi li għandhom jiġu ffaċjati illum hemm il-possibiltà li l-miżuri jiġu introdotti b'mod inkrementali u b'hekk jitnaqqas l-impatt tal-introduzzjoni fuq individwi, min iħaddem u l-ekonomija b'mod ġenerali. Madankollu, dan jista' jinkiseb b'suċċess biss jekk il-bidliet proposti għar-riforma jittieħdu fil-kuntest ta' sistema ta' pensjonijiet ddisinjata b'mod sħiħ.

Iżda huwa importanti li wieħed jispeċifika li l-bidliet proposti f'dan ir-Rapport, jekk jiġu aċċettati, m'għandhomx jitqiesu bħala mmutabbli. Is-sistema tal-pensjonijiet għandha tiġi ġestita b'metodu dejjem għaddej - b'reviżjonijiet perjodiċi ffissati minn qabel biex ikun possibbli li jkun hemm implimentazzjoni ta' bidliet parametriċi kif u meta jkun xieraq.

Dawn li ġejjin huma r-rakkomandazzjonijiet saljenti proposti mill-Grupp ta' Ħidma mmirati għall-kisba ta' sistema tal-pensjonijiet li tkun kemm adegwata kif ukoll żgura għall-ġenerazzjonijiet futuri.

## Pensjonanti preżenti

01. Pensjonanti preżenti u individwi li jirtiraw qabel l-implimentazzjoni tal-bidliet proposti ma jiġux affettwati bir-rakkomandazzjonijiet proposti.

## Età ta' rtirar

02. L-età ta' l-irtirar għandha tiżdied għal 65 sena kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha tibda fl-1 ta' Jannar 2007. Biex wieħed itaffi l-impatt ta' din il-bidla hu propost li din il-miżura tiġi introdotta b'mod iggradat.

## Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru

03. Il-garanzija ta' pensjoni minima għandha tiġi aġġustata kull sena biex il-valur tagħha jiġi żgurat kontra l-inflazzjoni. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar 2007.

04. Il-perjodu ta' kontribuzzjonijiet għall-akkumulazzjoni tal-pensjoni taż-Żewġ Terzi ta' l-Ewwel Pilastru għandu jiżdied minn 30 sena għal 40 sena. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar 2007. Biex wieħed itaffi l-impatt ta' din il-bidla hu propost li din il-miżura tiġi introdotta b'mod iggradat.

05. Il-linja ta' bażi għall-kalkolu tal-pensjoni taż-Żewġ Terzi ta' l-Ewwel Pilastru għandha tinbidel mill-aħjar tliet snin konsekuttivi fl-aħħar għaxar snin għall-impjegati u mill-medja tad-dħul nett ta' l-aħħar għaxar snin għal nies li jaħdmu għal rashom għall-medja ta' l-akkumulazzjoni ta' kontribuzzjonijiet fuq 40 sena kemm għall-impjegati kif ukoll għal min jaħdem għal rasu. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar 2007. Biex wieħed itaffi l-impatt ta' din il-bidla hu propost li din il-miżura tiġi introdotta b'mod iggradat.

06. Għandu jitwaqqaf reġim b'saħħtu ta' konformità biex jissalvagwardja persuni onesti u li jaħdmu sew kif ukoll ikun ta' deterrent għall-abbuż, frodi u użu ħażin tal-beneficcji socjali. Din l-azzjoni għandha tittieħed minnufih.

07. Id-dħul mil-pensjoni taż-Żewġ Terzi ta' l-Ewwel Pilastru matul il-perjodu ta' wara l-irtirar jinbena kull sena għall-pensjonanti kollha fuq bażi uniformi annwali. Il-bażi uniformi annwali li tapplika għandha tkun dik ta' l-Indiċi bl-Imnut. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar 2007.

08. Persuna tista' tagħżel li tkompli taħdem lil hinn mill-età statutorja ta' rtirar fil-waqt li tgawdi l-pensjoni taż-Żewġ Terzi ta' l-Ewwel Pilastru (u tat-Tieni Pilastru), b'ebda limitu fuq id-dħul li jinkiseb, izda għandha tħallas il-ħlasijiet tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Pilastru. Din il-miżura tibda sseħħ flimkien mar-rakkomandazzjonijiet proposti dwar l-età ta' rtirar.

09. L-iskema preżenti dwar pensjonijiet ta' l-invalidità għandha tiġi riveduta bil-ħsieb li l-kriterji ta' eliġibilità ikunu aktar iebsa kif ukoll sabiex jiġi adottat il-prinċipju ta' 'rijabilitazzjoni jew xogħol alternattiv qabel il-pensjoni'.

10. Il-limitu tad-Dħul Pensjonabbli Massimu ta' l-Ewwel Pilastru għandu jkun id-Dħul Pensjonabbli Massimu preżenti aġġustat kull sena biex jieħu f'konsiderazzjoni l-inflazzjoni. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar 2007.

11. Il-kontribuzzjonijiet tal-Klassi I u tal-Klassi II m'għandhomx jinbidlu.

12. Parti mill-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali għandha tiffinanzja s-servizzi tas-saħħa. Dan għandu jiġi deċiż kemm jista' jkun malajr fl-2005.

13. Għandu jiġi stabbilit kont *ring fenced* għal benefiċċji u pensjonijiet kontributorji, b'amministrazzjoni trasparenti xierqa, din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar 2007.

14. Benefiċċji mhux kontributorji għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Konsolidat. Din il-miżura għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar 2007.

15. Għandu jiġi introdott strument ta' politika li jqis r-responsabbiltajiet tal-ġenituri rigward il-perjodi tat-twelid u t-trobbija tat-tfal billi wieħed jipprovdi għall-akkreditar f'fażijiet tal-kontribuzzjonijiet ta' l-individwu kif ukoll bil-ħlas ta' kontribuzzjonijiet volontarji skond kondizzjonijiet stabbiliti. Din il-miżura ta' politika għandha tiġi deċiża fl-2006 u introdotta mill-1 ta' Jannar 2007.

16. Għandu jiġi ntrodott strument ta' politika li jneħħi dawk l-elementi mis-sistema tal-pensjonijiet li jinkoraġġixxu perjodi ta' inattività fl-ekonomija informali waqt li n-nies għandhom jigu mħajjra jipparteċipaw fis-suq formali tax-xogħol. Din il-miżura ta' politika għandha tiġi deċiża fl-2006 u ntrodotta mill-1 ta' Jannar 2007.

17. Għandu jiġi ntrodott strument ta' politika li jikkunsidra krediti għat-teħid ta' perjodi ta' taħriġ mingħajr ħlas, taħriġ mill-ġdid fi snajja u żvilupp kontinwu. Din il-miżura ta' politika għandha tiġi deċiża fl-2006 u ntrodotta mill-1 ta' Jannar 2007.

## Skema ta' Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru

18. Is-sistema ġdida ta' pensjonijiet għandu jkun fiha Skema ta' Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru biex wieħed iżid d-dħul pensjonabbli tiegħu li itejjeb il-livell ta' għixien tiegħu.

19. L-Iskema ta' Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru tgħodd kemm għall-impjegati kif ukoll għal min jaħdem għal rasu.

20. Għandhom jiġu introdotti miżuri għall-protezzjoni finanzjarja ta' kontributuri u pensjonanti ta' l-Iskema ta' Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru kontra l-frodi, l-użu ħażin, l-insolvenza, etċ., u dawn il-miżuri għandhom ikunu ddisinjati b'mod li jpoġġi l-anqas piż fuq il-persuni nvoluti.

21. Il-kontribuzzjonijiet annwali ta' l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru ma għandhomx jiġu ntaxxati fuq bażi annwali iżda għandha titħallas taxxa massima, stabbilita fuq rata ta' perċentwali ffissata, meta timmatura l-Iskema.

22. L-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru għandha tkun mandatorja. Madanakollu għandha tiġi ntrodotta b'mod transitorju bl-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru l-ewwel introdotta fuq bażi volontarja mill-1 ta' Jannar 2006.

23. L-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) u l-Gvern għandhom jaħdmu ma' l-ażjendi finanzjarji tas-settur privat biex iħajruhom biex jintroduċu skema li tippermetti lis-sidien ta' poloz ta' sigurtà fuq il-ħajja u poloz simili jikkonvertu dawn il-poloz għall-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru. Għandha tibda tittieħed azzjoni fl-2006 u meta jintlaħaq ftehim għandha ssir rakkomandazzjoni biex is-sidien ta' dawn il-poloz li jieħdu din l-għażla jkunu jistgħu jġibu lura s-sottoskrizzjoni tagħhom għall-1 ta' Jannar 2006.

24. Id-deċiżjoni dwar il-parametri ta' l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru mandatorja proposta għandha tittieħed

fuq il-bażi ta' studji intensivi attwarjali li l-Gvern għandu jikkummissjona permezz ta' l-MFSA. Il-Gvern għandu jikkummissjona dan l-istudju permezz ta' l-MFSA filwaqt li jkun qed isir il-proċess ta' konsultazzjoni.

25. L-indikazzjonijiet permezz tal-mudellar li twettaq juru li Skema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru mandatorja trid tibda sseħħ sa l-2010. Il-Gvern għandu jieħu kull azzjoni meħtieġa biex jistabbilixxi l-mekkaniżmi xierqa għall-introduzzjoni ta' l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru mandatorja sa l-2010. Madankollu, il-Gvern għandu fl-2009 iwettaq valutazzjoni biex jiddetermina jekk il-kondizzjonijiet li jkunu jeżistu f'dak iż-żmien huma tali li jeħtieġu l-introduzzjoni mandatorja ta' dan il-Pilastru fl-2010.

## Skema tal-Pensjonijiet tat-Tielet Pilastru

26. Is-sistema ġdida tal-pensjonijiet għandha tipprovdi wkoll għal Skema tal-Pensjonijiet tat-Tielet Pilastru li tkun għażla volontarja intiża biex tikkumplimenta d-dħul mill-pensjoni għandha tiġi introdotta mill-1 ta' Jannar 2006.

27. Il-kontribuzzjoni annwali għall-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tielet Pilastru ma għandhomx ikunu taxxabbli sa limitu stabbilit. Id-dħul li jinġabar meta timmatura l-iskema jkun suġġett għat taxxa fuq id-dħul bbażata fuq ir-rata tal-PAYE ta' l-individwu.

## Regolamentazzjoni ta' l-Iskemi tal-Pensjonijiet tat-Tieni u tat-Tielet Pilastru

28. Ir-regolamentazzjoni ta' l-Iskemi tal-Pensjonijiet tat-Tieni u tat-Tielet Pilastru għandha tingħata lill-MFSA li topera taħt l-Att ta' l-2002 li jirregola Fondi Speċjali. Din l-awtorità għandha tingħata lill-MFSA minnufih sabiex ix-xogħol neċessarju għall-introduzzjoni ta' Skema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru u tat-Tielet Pilastru volontarja jiġi kompletat fl-2005.

29. Il-possibilità li azjendi ta' l-assigurazzjoni mis-settur privat jidħlu fl-Iskemi tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru għandha tkun suġġetta għal kriterji iebsa ta' dħul u ta' prestazzjoni li għandhom jiġu osservati il-ħin kollu mill-azjendi msemmija.

30. Il-kontribuzzjonijiet ta' l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru mħallsin minn min iħaddem għandhom jiġu separati għal kollox minn min iħaddem, bil-fond tal-pensjoniiet stabbilit bħala attiv awtonomu *ring fenced*.

31. L-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru għandha tkun ġestita bil-prinċipju ta' *prudent-person* flimkien ma' (a) l-inklużjoni ta' limitazzjonijiet speċifiċi biex jiddeterminaw il-parametri ta' diversifikazzjoni tal-portfoljo ta' l-investiment, u (b) restrizzjonijiet biex jillimitaw l-azjenda ta' l-assigurazzjoni mis-settur privat li tamministra l-portfoljo milli tinvesti fl-assi jew fis-sussidjarji tagħha stess.

## Reviżjoni kull tant żmien tas-Sistema tal-Pensjonijiet

32. L-istruttura ġdida tal-pensjonijiet, ladarba introdotta, m'għandhiex titqies ffisata darba għal dejjem, immutabbli għal reviżjoni jew bidla. L-istruttura tal-pensjonijiet għandha tkun kontinwament riveduta sabiex il-parameterizzazzjoni, il-kalibrazzjoni u l-bidliet isiru b'mod inkrementali u b'mod konness ma' l-evoluzzjoni ta' l-iskema.

L-ewwel reviżjoni strutturata perjodika tas-sistema tal-pensjonijiet għandha ssir fl-2009.

# Tabella tal-Kontenut

Paġna


| | | | |
|---|---|---|---|
| Kelmtejn qabel | | | i |
| Il-Proess ta' Konsultazzjoni Nazzjonali u Diskussjoni | | | ii |
| Sommarju Eżekuttiv | | | iii |
| Tabella tal-Kontenut | | | vii |
| Grafiċi, Tabelli u Mapep | | | ix |
| Glossarju | | | x |
| **Kapitolu 01:** | **Introduzzjoni** | | 1 |
| | 01.1 | Il-Mandat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet | 2 |
| | 01.2 | Kif hu kompost il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet | 2 |
| | 01.3 | Il-Metodoloġija li ġiet użata mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet | 2 |
| | 01.4 | Rikonoxximenti | 3 |
| **Kapitolu 02:** | **Il-Ħtieġa tal-Bidla** | | 4 |
| | 02.1 | Ir-Raġunijiet Fundamentali għall-Bidla | 5 |
| | 02.2 | Is-Sistema Preżenti tal-Pensjonijiet f'Malta | 7 |
| | 02.3 | It-Triq għar-Riforma fil-Pensjonijiet | 9 |
| | 02.4 | Il-Passi li jmiss | 17 |
| **Kapitolu 03:** | **L-Isfidi** | | 19 |
| | 03.1 | Popolazzjoni li tixjieħ | 20 |
| | 03.2 | Rati ta' Twelid | 21 |
| | 03.3 | Prospetti ta' Ħajja | 23 |
| | 03.4 | Parteċipazzjoni fix-Xogħol | 23 |
| | 03.5 | Bidliet fir-Rwoli tan-Nisa u ta' l-Irġiel | 24 |
| | 03.6 | Prestazzjoni Ekonomika u Ġid | 25 |
| | 03.7 | Adegwatezza | 25 |
| | 03.8 | Sostenibbilità Finanzjarja | 26 |
| | 03.9 | Edukazzjoni u Tagħlim tul il-ħajja | 29 |
| | 03.10 | Tfaddil | 29 |
| **Kapitolu 04:** | **Rakkomandazzjonijiet għar-Riforma fis-Sistema tal-Pensjonijiet biex l-Pensjonijiet ikunu Adegwati u Sostenibbli** | | 33 |
| | 04.1 | Valur 01: Biex tipprevjeni l-Esklużjoni Soċjali | 34 |
| | 04.2 | Valur 02: Biex il-Poplu jista' jżomm Livelli ta' Għixien | 35 |
| | | 04.2.1 L-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru | 37 |
| | | 04.2.2 L-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tielet Pilastru | 47 |
| | 04.3 | Valur 03: Biex tiġi promossa s-Solidarjetà fost il-Ġenerazzjonijiet | 47 |
| | 04.4 | Valur 04: Biex jiżdied l-Livell tax-Xogħol | 48 |
| | 04.5 | Valur 05: Biex tiġi estiża l-Ħajja tax-Xogħol | 49 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | 04.6 | Valur 06: Aġġustament tas-Sistema tal-Pensjonijiet Eżistenti b'Mod Bilanċjat | 50 |
| | | 04.6.1 Il-linja Bażi tal-Kalkolu tal-Kontribuzzjoni | 51 |
| | | 04.6.2 Il-Perjodu ta' Kontribuzzjonijiet għall-Akkumulazzjoni tal-Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru | 51 |
| | | 04.6.3 Il-Perjodu bbażat fuq iż-Żmien għall-Kalkolu tal-Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru | 52 |
| | | 04.6.4 Id-dritt għal Pensjoni Massima ta' l-Ewwel Pilastru | 53 |
| | | 04.6.5 Il-Linja Bażi tad-Dħul għad-Determinazzjoni tal-Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru | 54 |
| | | 04.6.6 Kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu fuq l-Ewwel Pilastru | 54 |
| | 04.7 | Valur 07: Biex tirrendi s-Sistema tal-Pensjonijiet Sostenibbli fil-Kuntest ta' Finanzi Pubbliċi B'Saħħithom | 55 |
| | 04.8 | Valur 08: Biex tagħraf Pawsi Perjodiċi fil-Parteċipazzjoni fis-Suq tax-Xogħol | 57 |
| | | 04.8.1 Natura ta' Impjieg Atipiku tan-Nisa | 57 |
| | | 04.8.2 Responsabbiltajiet tal-Ġenituri rigward it-Twelid u t-Trobbija tat-Tfal | 57 |
| | | 04.8.3 Xejriet ta' Impjiegi u Karrieri li qed jinbidlu rapidament | 58 |
| | | 04.8.4 Tagħlim tul il-ħajja | 59 |
| **Kapitolu 05:** | **Implimentazzjoni tal-Bidliet Proposti għas-Sistema tal-Pensjonijiet** | | **60** |
| | 05.1 | Implimentazzjoni tal-bidliet proposti għas-sistema tal-pensjonijiet | 61 |
| | 05.2 | Impatt tal-bidliet proposti għas-sistema tal-pensjonijiet | 64 |
| | | 05.2.1 Impatt fuq il-Benefiċjarji | 64 |
| | | 05.2.2 Impatt fuq l-Ispiża tas-Sistema ta' Pensjonijiet | 68 |
| | 05.3 | Astratt tal-Prinċipji Proposti u Rakkomandazzjonijiet tas-Sistema Ġdida tal-Pensjonijiet | 70 |
| | 05.4 | Rikonċiljazzjoni tal-Prinċipji Proposti u Rakkomandazzjonijiet tas-Sistema Ġdida tal-Pensjonijiet mar-Rakkomandazzjonijiet Prinċipali tal-Bank Dinji, rapport ta' Marzu 2004 | 73 |

**Appendiċijiet**

Appendiċi I: Konsultazzjoni mwettqa
Appendiċi II: Referenzi
Appendiċi III: Is-Sistema tal-Valur Adottata biex jiġi fformat id-Disinn tar-Riforma tas-Sistema tal-Pensjonijiet
Appendiċi IV: Mudelli ta' Possibiltajiet fil-Bidliet għas-Sistema tal-Pensjonijiet Preżenti
Appendiċi V: Kronoloġija: is-Sigurtà Soċjali f'Malta
Appendiċi VI: Analiżi tal-Benefiċċji tal-Pensjoni maħruġa taħt is-Sistema tal-Pensjonijiet preżenti
Appendiċi VII: Kummissjoni Nazzjonali dwar ir-Riforma tal-*Welfare*: Mandat
Appendiċi VIII: Ħarsa sommarja ta' l-Att ta' l-2002 li jirregola Fondi Speċjali u Abbozzi ta' Direttivi u Avviżi Legali li jmorru miegħu
Appendiċi IX: Bidliet għall-Introduzzjoni tal-Limitu tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi
Appendiċi X: Riforma tal-Pensjonijiet fi Stati Membri ta' l-UE magħżula
Appendiċi XI: Pajjiżi bi Skemi tal-Pensjoni tat-Tieni Pilastru Mandatorja Finanzjata
Appendiċi XII: Etajiet Statutorji ta' Rtirar fi Stati Membri ta' l-UE magħżula

# Grafiċi, Tabelli u Mapep

Paġna

**Grafiċi**


| | | |
|---|---|---|
| Grafika 01: | Pensjonanti u Dħul minn Pensjonijiet fil-31 ta' Diċembru 2003 | 9 |
| Grafika 02: | Struttura Proġettata Demografika tal-Popolazzjoni Maltija sa l-2050 | 20 |
| Grafika 03: | Twelid ta' Trabi Ħajjin bejn l-1944 u l-2003 | 21 |
| Grafika 04: | Emigranti li ġew lura mill-1975 u l-2003 | 22 |
| Grafika 05: | Liċenzji tax-Xogħol għal persuni li mhumiex ċittadini Maltin | 22 |
| Grafika 06: | Proġettazzjonijiet ta' Prospetti tal-ħajja għal Persuni li għandhom 60 sena u iżjed | 23 |
| Grafika 07: | Nisa li jibqgħu jaħdmu skond Snin ta' Impjieg | 24 |
| Grafika 08: | Simulazzjoni PROST tal-Bank Dinji ta' Marzu 2004 dwar il-Pensjoni Medja relattivament għall-Paga Medja | 25 |
| Grafika 09: | Simulazzjoni PROST tal-Bank Dinji ta' Marzu 2004 dwar Żbilanċ fil-Pensjonijiet bħala % tal-GDP | 28 |
| Grafika 10: | Is-Sistema tal-Pensjonijiet Proposta | 61 |
| Grafika 11: | Simulazzjoni PROST tal-Bank Dinji, Ottubru 2004: Sostenibbilità | 67 |
| Grafika 12: | Simulazzjoni PROST tal-Bank Dinji, Ottubru 2004: Adegwatezza | 68 |
| Grafika 13: | Benefiċċji Relatati ma' l-Irtirar | Paġna 1 (Appendii VI) |
| Grafika 14: | Benefiċċji Relatati ma' Nisa Romol | Paġna 2 (Appendii VI) |
| Grafika 15: | Benefiċċji Relatati ma' l-Invalidità | Paġna 2 (Appendii VI) |
| Grafika 16: | Pensjonanti Nisa skond Dħul tal-Pensjoni miġbur | Paġna 3 (Appendii VI) |


**Tabelli**


| | | |
|---|---|---|
| Tabella 01: | Il-Welfare Gap 1998 – 2003 | 26 |
| Tabella 02: | Kontribuzzjonijiet ta' Min Iħaddem u Persuni li jaħdmu għal rashom / Impjegati paragunati mat-total tal-Benefiċċji Mħallsa | 27 |
| Tabella 03: | Total tal-Kontribuzzjonijiet paragunat mat-Total tal-Benefiċċji Mħallsa | 27 |
| Tabella 04: | Benefiċċji ta' Min Iħaddem u Persuni li jaħdmu għal rashom / Impjegati paragunati ma' Benefiċċji ta' Pensjonijiet ta' l-Irtirar | 27 |
| Tabella 05: | Depożiti ta' Familji residenti f'Malta ma' l-Istituzzjonijiet Bankarji kollha | 30 |
| Tabella 06: | Paragun ta' Tfaddil | 31 |
| Tabella 07: | Self għad-Djar lil Familji Residenti mill-Istituzzjonijiet Bankarji kollha | 32 |
| Tabella 08: | Introduzzjoni fi Stadji ta' l-Età Statutorja ta' Irtirar ta' 65 sena | 49 |
| Tabella 09: | Perjodu ta' Kontribuzzjonijiet għall-Akkumulazzjoni tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi ta' l-Ewwel Pilastru | 52 |
| Tabella 10: | Kalkolu tal-Perjodu bbażat fuq iż-Żmien għall-Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru | 53 |
| Tabella 11: | Impatt fuq il-Benefijarji - Mudelli ta' Xenarji | 65 |
| Tabella 12: | Valutazzjoni tal-Garanzija tal-Pensjoni Minima | 68 |
| Tabella 13: | Rikonċiljazzjoni tas-Sistema tal-Pensjonijiet Proposta mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Bank Dinji ta' Marzu 2004 | 73 |
| Tabella 14: | Ħaddiema li għad iridu jirtiraw fuq il-Pensjoni tas-Servizz Pubbliku | Paġna 4 (Appendii VI) |
| Tabella 15: | Persuni li Mistennija jirtiraw bejn l-2004 u l-2015 | Paġna 5 (Appendii VI) |


**Mapep**


| | | |
|---|---|---|
| Mappa 01: | Kategoriji ta' Benefiċċji Kontributorji | Paġna 1 (Appendii VI) |
| Mappa 02: | Distribuzzjoni ta' Pensjonijiet Minimi Nazzjonali | Paġna 3 (Appendii VI) |

# Glossarju

| | |
|---|---|
| Adegwatezza | Provdiment ta' dħul mill-pensjoni li jipprevjeni l-esklużjoni Soċjali u jiżgura livell deċenti ta' għixien |
| BEPG | Linji Gwida enerali ta' Politika Ekonomika (Broad Economic Policy Guidelines) |
| Kontribuzzjonijiet Klassi I (Min iħaddem) | 10% mill-Istat, 10% minn min iħaddem, 10% mill-impjegat soġġett għal kontribuzzjoni stabbilita minima u massima |
| Kontribuzzjonijiet Klassi II (Persuni li jaħdmu għal rashom / Persuni li jaħdmu għalihom infushom) | 15% tad-dħul li jinqalà / annwali soġġett għal kontribuzzjoni stabbilita minima u massima. Il-kontribuzzjoni li titħallas mill-Istat hi ekwivalenti għal 50% ta' din il- kontribuzzjoni. |
| COLA | *Allowance* għall-Għoli tal-Ħajja |
| DrSS | Direttur tas-Sigurtà Soċjali |
| DSS | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali |
| EU | Unjoni Ewropea |
| L-ewwel Pilastru | Skemi pubblici relatati ma' qligħ (Kontribuzzjoni mill-Istat (Gvern), Min Iħaddem, Impjegat) |
| MCESD | Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali |
| MFSA | Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji |
| MPI | Dħul Pensjonabbli Massimu |
| NAPE | Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Impiegi |
| NCWR | Kummissjoni Nazzjonali dwar ir-Riforma tal-*Welfare* |
| NI | Sigurtà Nazzjonali |
| NSO | Uffiċju Nazzjonali ta' l-Istatistika |
| PAYE | Ħallas skond ma Taqla' (Pay As You Earn) |
| PAYG | Ħallas Waqt Li Tkun Għaddej (Pay As You Go) |
| PROST | Għodod għas-Simulazzjoni tal-Għażliet fir-Riforma tal-Pensjonijiet (Pensions Reform Options Simulation Toolkit) |
| PWG | Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet (Pensions Working Group) |
| It-Tieni Pilastru | Skemi tal-Pensjonijiet li huma investiti f'fondi amministrati jew mill-Gvern jew mis-Settur Privat (Min iħaddem, Impjegat) |
| Persuna li taħdem għal rasha | Sakemm ma jkunx speċifikament mfisser fid-dokument, il-frażi persuna li taħdem għal rasha tinkorpora min jaħdem għal rasu u min jaħdem għalih innifsu kif imfisser fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali |
| SPPS | Skema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru |
| SSA | L-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali |
| SSP | Pensjoni tas-Sigurtà Soċjali |
| It-Tielet Pilastru | Disposizzjonijiet Individwali ta' Rtirar |
| TPPS | Skema tal-Pensjonijiet tat-Tielet Pilastru |